Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 7 ta' Mejju 2021**
**(OR. en)**

**8497/21**

**LIMITE**

**AELE 26**
**EEE 13**
**ISL 12**
**N 46**
**FL 11**
**PECHE 134**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 5544/21 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji futuri tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE għall-koeżjoni soċjali u ekonomika fiż-Żona Ekonomika Ewropea<br>= adozzjoni |

1. Fit-22 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkomandazzjoni għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq inkluż Anness li fih abbozzi ta' direttivi ta' negozjati.

2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) eżamina r-rakkomandazzjoni bejn Jannar u l-bidu ta' Mejju 2021, u fl-4 ta' Mejju 2021 qabel dwar id-direttivi ta' negozjati.

3. F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:

a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati, kif tinsab fid-dok. 8365/21 (iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti), kif ukoll id-direttivi ta' negozjati kif jinsabu fl-Addendum tagħha[1];

b) jiddeċiedi, fid-dawl tan-natura u l-kontenut tan-negozjati, li ma jippubblikax id-Deċiżjoni tal-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*; u

c) jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li kemm id-Deċiżjoni tal-Kunsill kif ukoll id-direttivi ta' negozjati ser jintbagħtu lill-Parlament Ewropew.

PUBLIC

---

1 8365/21 ADD 1 EU RESTREINT/EU RESTRICTED.